SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 65/K9/24**

Data tal-laqgħa: 25 ta' Marzu 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul - Il-Kunsillier
John Agius - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (3)**

Clayton Luke Mula - Viċi Sindku
Martin Sultana – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

65.1.01 Il-Kunsilliera Clayton Luke Mula, Martin Sultana, Rita Dimech Portelli talbu li jiġu skużati għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**65.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

65.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 64/K9/23.

65.2.02 Il-Kunsillier John Agius talab li jsiru l-korrezzjoni tal-Minuti 64.1.1 fejn tiżdied it-talba tiegħu biex jiġi skużat. Fil-punt 64.3.02, talab li jinbidel il-kliem minn 'Press release' għal 'press conference' kif ukoll il-kliem 'Ministru Glenn Bedingfield' jinbidel għal Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield u jiżdied li kien hemm il-Ministru Clayton Bartolo preżenti.

65.2.03 Ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet.

65.2.04 Il-Kunsillier Victor Vella ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 64/K9/23.

65.2.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri s-sekondat fl-approvazzjoni tagħhom.

65.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**65.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

65.3.01 Il-*Press Conference* ta' Xatt is-Sajjieda ser issir 27 ta' Marzu fid-9 ta' filgħodu u stieden lill-Kunsilliera sabiex min ikun jista' jattendi.

65.3.02 Il-permess ta' Telgħet Birkirkara qiegħed fil-proċess li jinħareġ.

65.3.03 Il-Kunsill qiegħed jistenna li nirċievu l-*confermation letter* mingħand il-*Planning Authority* dwar il-flus tal-proġett Pawlu Xuereb peress li c-Ċermen jinsab infurmat li din it-talba ġiet aċċettata. Hekk kif il-Kunsill jirċievi din l-ittra nkunu nistgħu nibdew nużaw dawn il-flus.

65.3.04 Dalwaqt jibda x-xogħol ta' madum ġewwa l-klinika.

65.3.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba sabiex Sqaq is-Siġra u Triq Patrick Brydone jsiru One-way ġiet approvata.

65.3.06 Fir-rigward it-Tender tad-dawl ta' Triq Charles Sciberras, il-Kunsill qiegħed fil-proċess li joħroġ il-Contract Agreement.

65.3.07 Dwar it-tappieri li qegħdin fi stat perikoluż ta' Triq San Ġorġ fl-area ta' ħdejn il-Melita Pharmacy, il-kunsilliera ġew nfurmati li ser issir laqgħa mal-Water Services Corporation u x-xogħol ser jipprova jsir bil-lejl minħabba l-ammont ta' traffiku li jgħaddi min din it-triq.

65.3.08 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-Kunsill ma ħareġ l-ebda flus għal-festa ta' San Patrizju peress li l-flus nġabru bejn l-għaqdiet u l-ħwienet li ħadhu sehem kif ukoll mill-FTZD u l-MTA.

65.3.09 Iċ-Ċermen kif ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv marru l-Ungerija, Kuzentmiklos, bejn it-8 u 13 ta' Marzu 2024 peress li kienu mistednin għaċ-ċelebrazzjoni fl-għeluq il- 35 sena indipendenti.

65.3.10 L-attività li organizza l-Kunsill fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara fit-8 ta' Marzu kienet suċċess.

65.3.11 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-każ tal-ħajt mwaqqa' fi Triq Zammit Clapp qiegħed għand il-Pulizija sabiex jieħdu l-azzjoni neċessarja u l-Kunsillier Sean Gauci ġibed l-attenzjoni li anki fi Sqaq is-Siġra hemm ħajt imwaqqa'.

65.3.12 Saret l-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Paceville filwaqt li s-Sibt 23 ta' Marzu saret laqgħa sabiex Paceville jieħu t-titlu ta' Purple Flag.

65.3.15 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand l-iStreet Naming Committee sabiex jiġu 3 sqaqien fi Triq il-Mensija jingħataw l-ismijiet. Ġie deċiż li l-isqaq li jinsab bejn Triq il-Mensija u Triq Wied Għomor jissemma Sqaq il-Kalkara tal-Ġir, l-isqaq li jinsab fl-area ta' Triq Josef Calleja jissemma Sqaq ta' Xalati filwaqt li dwar l-isqaq li bejn Triq il-Mensija u Triq iż-Żebbuġ iċ-Ċermen għandu jiltaqa' mal-Kunsillier John Agius sabiex jiddeċiedu isem.

65.3.16 Fir-rigward it-talba dwar permess ħdejn il-monument LOVE fl-okkażjoni ta' World AIDS Day ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal ħruġ ta' dan il-permess filwaqt li tintalab laqgħa sabiex jingħataw aktar dettalji.

65.3.17 Iċ-Ċermen ressaq talba sabiex fix-xhur ta' Ġunju u Lulju jintwera l-logħob tal-football tal-EURO f'Xatt is-Sajjieda taħt il-Każin tal-Banda bħal ma saru fis-snin li għaddew filwaqt li f'xi ġranet meta ma jkunx hemm logħob jiġi organizzat Gin Festival u Cider and

Craft Festival. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u qabel li jinħargu l-premessi neċessarji bil-kundizzjonijiet tas-snin ta' qabel u oħrajn ġodda skond il-bżonn.

65.3.18 Il-Kunsilliera ġew infurmati li nħareġ ir-raba' volum tal-ktieb Karamellu u ġie deċiż li l-Kunsill jixtri 6 kopji minn dan il-volum sabiex jingħataw lill-iskola bħal ma sar bil-volumi l-oħrajn. Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Patricia Camilleri ġie deċiż ukoll jinxtraw 6 kopji oħra mir-raba volum kif ukoll mill-volumi ta qabel u dawn għandhom jingħataw lill-iskola ta' Sacred Heart.

65.3.19 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li t-talba dwar l-Air b 'n' b li tressqet waqt il-laqgħa li għaddiet ġie mogħdija lill-Ministeru konċernat kif ukoll lil -Awtorità tat-Turiżmu fejn nfurmawna li ġiet mgħoddija lid-dipartiment tal-infurzar tagħhom.

65.3.20 Ġie deċiż li f'Ġunju wara li tkun saret l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali għandha ssir laqgħa bil-Kunsilliera ta' din il-leġislatura sabiex jiġu approvati l-Minuti ta' l-aħħar laqgħa kif ukoll il-Pagamenti.

65.3.21 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li saret laqgħa mal-kuntrattur li qiegħed jieħu ħsieb Balluta Buildings u dan issuġġerixxa liċ-Ċermen sabiex it-taraġ Scicluna jkun inkluż fil-proġett tiegħu.

65.3.22 Iċ-Ċermen informa li l-Awtorità tat-Turiżmu għandha stima dwar ix-xogħol fil-Ġnien Spinola madanakollu dan ix-xogħol jista' ma jitkompliex minħabba li sabiex isir il-proġett iridu jinqalgħu ħafna siġar. L-istess Awtorità ssuġġerit liċ-Ċermen sabiex il-Kunsill japplika għal skema biex jiġi restawrat il-ġibjun kbir li jinsab taħt il-Palazz Spinola.

## 65.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

65.4.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar l-applikazzjoni li kienet saret sabiex Triq Nicholas Monserrat terġa ssir kif kienet u ġie nfurmat li fil-Purchase Request Sheet hemm sabiex jinqalgħu t-tabelli tat-triq ħalli terġa ssir bħal qabel.

65.4.02 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar l-irħam tal-Monument tal-LOVE u ċ-Ċermen informa li qed jiċċekkja dwar il-prezzijiet kemm jiġu sabiex jiġu restawrati l-irħam tal-Monument tal-LOVE kif ukoll dwar l-irħam li għandhom bżonn r-restawr tal-monumenti oħra fil-lokalita. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri għandha tgħaddi dettalji ta' persuna li jagħmel dan ix-xogħol sabiex tingħata stima.

65.4.03 Il-Kunsillier John Agius talab sabiex jitneħħew il-U-Shape barriers li hemm mal-ħajt man-naħa tal-Palazz ta' Spinola peress li ma

humiex fi stat tajjeb Għalhekk ġie deċiż li din il-materja terġa tkun diskussa waqt il-laqgħa li jmiss fejn jiġi preżentat l-prezz li qed jitħallas lill-Kunsill għal dawn il-barriers u l-proċedura min-naħa tat-Transport Malta sabiex jinqalgħu dawn il-barriers.

65.4.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar id-dawl ta' Triq Spinola peress li hemm ħafna dlam fil-madwar u l-Kunsilliera preżenti ġew nfurmati li għaddej il-proċess sabiex titwaħħal bozza ġdida.

65.4.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet sabiex jitwaħħlu tabelli fejn turi li hemm skola fil-viċinanzi fi Triq il-Qalb Imqaddsa faċċata Triq Arċisqof Romero kif ukoll jsiru *road humps* fit-triq minħabba l-karozzi qed jgħaddu b'veloċità kbira. Dwar din l-applikazzjoni ġiet nfurmata li ntbagħtet lit-Transport Malta.

65.4.06 Wara suġġeriment mingħand il-Kunsilliera Patricia Camilleri, ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-bank HSBC sabiex tiġi kunsidrata l-possibbiltà li titwaħħal ATM fil-lokalita' peress li f'San Ġiljan tneħħew kollha u għalhekk ir-residenti qed ikollhom jmorru l-Gzira kif ukoll tintbagħat ittra lill-Malta post b'suġġeriment li jerġa jkun hemm xi *sub-office* fl-inħawi tal-Balluta bħal ma kien hemm qabel il-pandemija għaliex ir-residenti għandhom l-bogħod sabiex jmorru l-posta ġewwa Paceville kif ukoll hemm problema kbira tal-parkeġġ.

65.4.07 Inġibdet l-attenzjoni mill-Kunsilliera Patricia Camilleri li fi Triq Dun Anton Debono hemm xi siġra li għandha bżonn tinżabar, kif ukoll il-Kunsillier Victor Vella ġibed l-attenzjoni dwar is-siġar tal-Palm li jinsabu quddiem it-Tigulio. Iċ-Ċermen informa lill-kunsilliera preżenti li l-ħaddiem tal-Kunsill għandu pjan mal-kuntrattur il-ġdid sabiex jinżabru s-siġar kollha fil-lokalita.

65.4.08 Il-Kunsillier Victor Vella ippropona li mat-taraġ li jinsab fi Triq Bir ta' Napuljun jsir ukoll puġaman. Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li dwar ir-*railing* ser issir laqgħa mal-kuntrattur kif ukoll mal-Perit nhar il-Erbgħa 3 t'April fid-9 ta' filgħodu sabiex jiġi deċiż jekk ir-*railing* isirx tal-ħġieġ jew le.

65.4.09 Il-Kunsillier Sean Gauci ġie skużat fis-17.45.

**65.5 Transport għal-Anzjani;**

65.5.01 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li bħalissa għaddej il-proċess sabiex il-Kunsill ikollu l-karozza li ser tkun *fully electric* għal-anzjani u qed jiġi deċiż biex min ikollu bżonn dan is-servizz għandu jkellem lill-Kunsill mhux aktar tard min tlett ijiem qabel ikollu bżonn. Din il-

vettura ser tkun topera mit-Tnejn sal-Ġimgħa u tkun twassal lir-residenti għal appuntamenti mediċi.

65.5.02 Sakemm il-Kunsill jkollu din il-vettura u min jista' isuqha, r-residenti jistgħu jagħmlu użu ghas-servizz li jipprovdi l-Gvern tas-Silver T.

65.5.03 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li għat-Tender għal Van tal-użu tal-Kunsill ma applika ħadd u d-Dipartiment issuġġerixxa li sakemm tinħareġ sejħa għal-offerti oħra, l-Kunsill għandu jiċċekkja dwar l-*ispecs* tal-van halli jkun hemm aktar persuni jistgħu japplikaw għal din is-sejħa għal offerti.

**65.6 Bye-Law dwar il-klieb;**

65.6.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-liġi preżenti ma tgħid xejn fuq li taħsel wara l-kelb.

65.6.02 Għalhekk wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja ġie deċiż li waqt il-laqgħa li jmiss il-Kunsill jiġi pppreżentat draft ta' bye-law sabiex kull min joħroġ bil-kelb għandu joħroġ flixkun ilma jew spray sabiex jaħsel wara li l-kelb ikun ħammeġ.

65.6.03 Il-Kunsillier Sean Gauci wasal fi 18.15 p.m.

**65.7 Provision of doubtful debtors u Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements;**

65.7.01 Il-Membri preżenti ġew nfurmati li l-Amministrazzjoni tal-Kunsill flimkien mal-Accountant għalqet is-sena finanzjarja 2022 madanakollu peress li l-Unaudited Financial Statements ma laħqux kienu lesti ser tissejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jiġu diskussi dawn il-materja.

**65.8 Skemi**

65.8.01 Iċ-ċermen ressaq l-iskema SPI/SCI/05/2024 għal-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025 għal-attenzjoni tal-Kunsill. Wara li ġiet diskussa din il-materja, ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal din l-iskema sabiex jkunu jistgħu jsiru żewġ attivitajiet – waħda Natalizja għall-ammont ta' €12,450 u l oħra Kulturali għall-ammont ta' €11,600.

65.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jaqbel li jsiru dawn iż-żewġ attivitajiet.

65.8.03 Iċ-Ċermen ressaq l-iskema SPI/SCI/03/2024 Skema Inizjattiva Finanzjarja Lokalitajiet Aktar Nodfa.

65.8.04 Il-Kunsill qabel unaniment li l-Kunsill japplika għal din l-iskema sabiex jsir tindif fil-baħar.

65.8.05 Bħala ħaddiem min ser isuq il-karozza u rċivejna skema mingħand ic-CIES u ser napplikaw għal din l-iskema kif kien.

65.8.06 Iċ-Ċermen ressaq l-iskema SPI/SCI/06/2024 Skema għal-Community Inclusive Employment Scheme.

65.8.07 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema sabiex jkollna żewġ persuni, persuna taħdem fuq barra kif ukoll persuna li tkun tista' ssuq il-karozza tal-anzjani.

65.8.08 Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**65.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

65.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6137 sa 6164 (Ara Appendiċi 'A').

65.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**65.10 Skeda tal-Pagamenti**

65.10.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B').

65.10.02 Il-Kunsillier Sean Gauci ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

65.10.03 Il-Kunsillier Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni.

**65.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

65.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it- Tnejn 22 t'April 2024 fil-laqgħa 5.00p.m.

65.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis- 7.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Malcolm Agius** |
| **Ċermen** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 22 t'April 2024**